# Sewqan irresponsabbli

## Sekwenza ta' stampi













### A. Tkellem dwar dak li qed tara fl-istampi.

Fejn ltaqgħu l-protagonisti?

X'kienet l-okkażjoni?

X'qagħdu jagħmlu?

Kemm damu?

X'għamlu xħin sar il-ħin?

Min saq lura d-dar?

Ma' min iltaqgħu fit-triq?

Kif kienu jidhru?

Xi ntalbu jagħmlu? Għaliex?

Xi rriżulta?

X'qalulhom il-ġenituri/il-ħbieb?

X'kienu l-konsegwenzi?

Setgħu jevitaw dan kollu?

X'tgħallmu minn din l-esperjenza?

**B. Aħseb kif tista' timla l-ispazji t'hawn taħt biex tifforma l-pjan għall-komponiment.**

**Sewqan irresponsabbli**

**1. L-Introduzzjoni**
L-Isfond - Il-ħin, iż-żmien u l-post.
Min huma l-protagonisti?

**2. Il-karattri**
Min huma? Kif jafu lil xulxin? Kif inhu l-karattru tagħhom?

**3. Il-binja għall-qofol**
Kif bdiet l-avventura?

**4. Il-qofol**
Xi problema nqalgħet?

**5. Wara l-qofol**
X'ġara wara?

**6. Il-konklużjoni**
X'kienu l-konsegwenzi / t-tagħlima

**Ċ. Ikteb komponiment imnebbaħ mis-sekwenza stampi bit-titlu:**

***Sewqan irresponsabbli.***

Isem: ____________________________

## D. Kitba ta' Djalogu - Aqra dan id-djalogu fuq l-ewwel stampa.

| | |
|---|---|
|  | Kemm qed nieħdu gost illejla! Qed tara Mel ma ridtx tiġi hawn. |
|  | Veru li llum qed nieħdu gost. Imma d-darba l-oħra konna qisna f'funeral mhux party. |
|  | Jien għedtilkom li se nieħdu pjaċir għax dan id-DJ jaf isaħħan il-qiegħa. Inġibilkom drink ieħor ħalli nkomplu niċċelebraw għeluq snin Jessica? |
|  | Jien qed inħoss rasi diġà qed iddur bija? Naħseb aħjar ma nixrobx aktar li ma mmurx nagħmel xi waħda tinkiteb. |
|  | U ejja Mel, kemm tgħaġġibha. Taf li erba' drinks kull wieħed għadna xrobna. Jes tieħu għaliha jekk ma nkomplux magħha. |
|  | Jien nieħu ieħor. Mhux darba f'sena niċċelebrah għeluq snini! |
|  | Jes, int trid issuq lura ta', tinsiex. Ftakar kemm qed ikun hawn inċidenti tat-traffiku dan l-aħħar. Kieku ma kienx imlaħlaħ ħabibek Alan, żgur li ma kienx jaħbat għax jien ġieli rkibt miegħu u veru joqgħod attent. Ix-xorb iġagħlek iddum biex tirreaġixxi u ma tkunx taf x'inti tagħmel. |
|  | Ommi ma, Mel, qisek il-kuxjenza kemm se ġġibhom bi kbar illejla! Qisek qed tagħmel apposta biex ittellifna l-gost. |
|  | Skużawni… żgur mhux l-intenzjoni tiegħi li ndejjaqkom. |
|  | Mela hekk! Ara, daqt ġej. Taħarbulix ta' għax daqs kemm hawn rassa żgur ma jirnexxilix insibkom. |
|  | Tiħux ħsieb. Hawn se nibqgħu daqs kemm qed idoqqilna mużika tajba d-DJ. |
|  | Aw ħbieb, dan tiegħek Jes u dan ta' ta' Mel. Evviva u awguri Jes! |

Isem: ______________________________

## E. Djalogu mnebbaħ mill-kumplament tal-istampi.

**Fi gruppi jew individwalment, ippjana djalogu bejn il-karattri li jidhru fl-istampi (tista' tinkludihom kollha jew uħud minnhom). Segwi l-eżempju tad-djalogu tal-ewwel stampa. F'kull kaxxa għandek vokabolarju biex jgħinek.**

| | |
|---|---|
| **Stampa n. 1:**<br>karattru 1, karattru 2 u karattru 3<br>(Eż. Mel, Jessica u Steve)<br><br>**Vokabolarju:**<br><br>divertiment, xorb, isaħħan il-qiegħa, mużika, għeluq snini, tirreaġixxi, inċidenti, imlaħlaħ, rassa | **Stampa n. 2:**<br>karattru 1, karattru 2 u karattru 3<br><br>**Vokabolarju:**<br><br>suq bil-galbu, ċavetta, seatbelt, dawl, veloċità, ir-radju tal-karozza, storduta, sorpriża, roadblock, żommu kalmi |
| **Stampa n. 3**<br>pulizija, sewwieqa u passiġġiera /<br>pulizija u sewwieqa<br><br>**Vokabolarju:**<br><br>il-liċenzja tas-sewqan, karta tal-identità, pulizija, ipparkja u itfi l-karozza | **Stampa n. 4:**<br>pulizija, sewwieqa, passiġġiera u passiġġier/<br>pulizija u sewwieqa<br><br>**Vokabolarju:**<br><br>oħroġ, stenna, segwi l-ordnijiet, imxi 'l quddiem, ieqaf, imnieħer, il-werrej |
| **Stampa n. 5:**<br>pulizija, sewwieqa u passiġġiera /<br>pulizija u sewwieqa<br><br>**Vokabolarju:**<br><br>alkoħol, breathalyzer, test tan-nifs, ħu nifs 'il ġewwa, żomm in-nifs, onfoħ 'il barra, ir-riżultat juri, livell eċċessiv, jaqbeż il-limitu | **Stampa n. 6:**<br>pulizija, sewwieqa u ġenituri/<br>pulizija u sewwieqa<br><br>**Vokabolarju:**<br><br>ksirt il-liġi, manetti, spirti, multa, għassa tal-pulizija, ġenituri, jirrabjaw, widdbu, sewqan perikoluż, sospensjoni tal-liċenzja, taħrika, qorti |

## F. Issa ikteb id-djalogu tal-istampi l-oħra.